MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Numru 552/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**

**VS**

**KEVIN BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Borg, ta’ 23 sena, imwieled tal-Pieta’ nhar l-24 ta’ Awissu, 1982, bin George u Mary nee’ Bonnici, residenti fil-fond numru 55, Triq il-Marina, tal-Pieta’, detentur tal-karta tal-identita’ numru 468282 (M);

Akkuzat talli fi Triq il-Kullegg, Birkirkara, u f’inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer, nhar l-4 ta’ Gunju, 2006, ghall-habta ta’ 9.45am:

1. Ikkometta serq ta' accessorji tal-vettura/apparat tal-*hi-fi*, u cioe' *Pioneer CD-radio player*, minn go vettura *Volkswagen Golf,* bin-numru tar-registrazzjoni EMG 963, ghad-dannu ta' Emanuel Gatt, liema serq hu kkwalifkat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 267, u 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli kkommetta hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla *Volkswagen Golf*, bin-numru tar-registrazzjoni EMG 963, ghad-dannu ta' Emanuel Gatt, liema hsara tammonta ghal inqas minn hames mitt lira maltin (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan *ai termini* tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 267, u 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Kevin Borg hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlitt (3) snin li matulhom ghandu jaghmel program ta' kura mid-dipendenza fuq id-droga.

*Inoltre* din il-Qorti tornda lill-istess Kevin Borg ihallas is-somma ta' mitt lira maltin (Lm100.00), bhala danni sofferti minn Emanuel Gatt, *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------